- *INIBIZZJONI TA' MINURI LI JSIEFER MINN MALTA –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 15 ta' Mejju, 2002**

**Kawza Numru: 26**
**Citazzjoni Numru: 235/02/RCP**

**Joanna Abugrin**

**vs**

**Khaled Abugrin**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi l-kontendenti mizzewwgin u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, Sabrina li twieldet fid-9 ta' Frar 1999 u Yasmine, li twieldet fit-13 ta' Marzu 2001.

Illi l-attrici ipprezentat Mandat ta' Inibizzjoni (Nr.346/02) kontra l-konvenut ai termini tal-Artikolu 877 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex twaqqfu milli jiehu lit-ffal minuri, Sabrina u Yasmine, barra minn Malta; sabiex jiddepozita l-passport tal-minuri fil-Qorti jew ma' Awtorita kompetenti ohra; sabiex il-minuri ma jitnizzlux fuq il-passaport tal-konvenut; sabiex ma jinharigx passaport ghall-minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri; u sabiex id-Direttur tal-passaporti innehhi lit-tfal minuri minn fuq il-passaport tal-konvenut.

Illi dan il-Mandat gie milqugh u akkordat minn din l-Onorabbli Qorti, kopja hawn annessa bhala Dok.A;

Illi l-konvenut huwa ta' nazzjonalita Libyana;

Illi l-kontendenti ghaddejjin minn problemi matrimonjali, u l-konvenut qieghed jhedded li ser jahrab bit-tfal;

L-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

(1) Tordna li t-tfal minuri Yasmine Abugrin u Sabrina Abugrin ma jithallewx johorgu minn Malta mill-konvenut minghajr il-permess ta' din l-Onorabbli Qorti jew tal-attrici;

(2) Tordna lill-konvenut jiddepozita l-passaport tal-minuri, jekk ikun il-kaz, ma' din l-Onorabbli Qorti jew ma' Awtorita kompetenti ohra li jidrilha opportuna li tinnomina din il-Qorti;

(3) Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex il-minuri ma jitnizzlux fuq il-passaport tal-konvenut;

(4) Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex ma jinharigx passaport ghall-minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri;

(5) Tordna lid-Direttur tal-Passaporti innehhi lit-tfal minuri minn fuq il-passaport tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 346/02 kontra l-konvenut minn issa ingiunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti (fol 4 sa 11 tal-process;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fil-11 ta’ April 2002 baqa’ ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk waqa’ kontumaci.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-kawza odjerna titratta dwar talba da parti ta’ l-attrici omm il-minuri sabiex l-istess minuri ma jittiehdux barra minn Malta.

Illi din il-Qorti qed tiddeciedi l-istess kawza, kif ghandha tiddeciedi fl-interess ta’ l-istess minuri.

Illi l-unika provi prodotti fil-process jirrizulta li huma dawk ta’ l-attrici li kkonfermat d-dikjarazzjoni attrici u wkoll tat spjegazzjoni tar-ragunijiet taghha ghaliex qed taghmel dawn it-talbiet u d-difensur tal-istess ta spjegazzjoni ghaliex l-attrici qed taghmel dawn it-talbiet fl-isfond tal-premessi tac-citazzjoni.

Illi l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz u anke peress li l-kontendenti jinsabu ghaddejjin minn kawza ta’

separazzjoni quddiem is-Sekond' Awla, li huwa fl-interess ta' l-istess minuri li fis-sitwazzjoni prezenti m'ghandhom jittiehdu l-barra mill-gurisdizzjoni taghha hlief b'ordni tal-Qorti jew jekk il-partijiet rispettivi jaghtu l-kunsens taghhom bil-miktub biex dan ikun jista' jsir fil-futur.

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif ser jinghad aktar il-quddiem.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

(1) Tordna li t-tfal minuri Yasmine Abugrin u Sabrina Abugrin ma jithallewx johorgu minn Malta mill-konvenut minghajr il-permess ta' din l-Onorabbli Qorti jew tal-attrici;

(2) Tordna lill-konvenut jiddepozita l-passaport tal-minuri, jekk ikun il-kaz, ma' din l-Onorabbli Qorti jew ma' Awtorita kompetenti ohra li jidrilha opportuna li tinnomina din il-Qorti;

(3) Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex il-minuri ma jitnizzlux fuq il-passaport tal-konvenut;

(4) Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex ma jinharigx passaport ghall-minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri;

(5) Tordna lid-Direttur tal-Passaporti innehhi lit-tfal minuri minn fuq il-passaport tal-konvenut.

B'dan pero` li dan jibqa' jsehh hlief jekk xi parti tigi awtorizzata tiehu lill-minuri barra minn Malta b'Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizjoni, u l-Qorti tordna li ghal dan l-iskop kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata u notifikata kemm lill-Ufficjal tal-Passaporti sabiex jassigura l-istess u sabiex l-isem tal-istess minuri ma jiddahhalx fil-passaport tal-ebda wiehed mill-kontendenti u kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jara li l-istess minuri ma jithalliex jittiehed barra minn Malta, hlief fuq decizzjoni tal-Qorti kompetenti, komunikata lilu skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li kopja awtentika ta' din is-sentenza tigi notifikata tramite d-Direttur Generali a spejjez ta' l-attur lill-ufficjal inkarigat mill-Ufficju tal-Passaporti, u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 346/02 kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**15 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**15 ta' Mejju 2002**